

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – Giant Electric Vehicle Kunshan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-242/19) ⁽¹⁾

(“Dumping – Importazzjonijiet ta’ roti, b’assistenza ta’ pedali, b’mutur elettriku awżiljarju, li joriġinaw miċ-Ċina – Dazju antidumping definittiv – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/73 – Determinazzjoni tal-eżistenza ta’ dannu – Artikolu 3(2), (3) u (6) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz – Rabta kawżali”)

(2022/C 244/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Giant Electric Vehicle Kunshan Co. Ltd (Kunshan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: P. De Baere u J. Redelbach, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Luengo u T. Maxian Rusche, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/73 tas-17 ta’ Jannar 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2019, L 16, p. 108, u rettifika fil-ĠU 2019, L 16I, p. 1), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/73 tas-17 ta’ Jannar 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa annullat sa fejn jirrigwarda lil Giant Electric Vehicle Kunshan Co. Ltd.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatì, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Giant Electric Vehicle Kunshan.

⁽¹⁾ ĠU C 206, 17.6.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta’ April 2022 – Giant Electric Vehicle Kunshan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-243/19) ⁽¹⁾

(“Sussidji – Importazzjonijiet ta’ roti, b’assistenza ta’ pedali, b’mutur elettriku awżiljarju u li joriġinaw miċ-Ċina – Dazju kumpensatorju definittiv – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/72 – Determinazzjoni tal-eżistenza ta’ dannu – Artikolu 8(1), (2) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/1037 – Kalkolu tat-tnaqqis fil-prezz – Rabta kawżali”)

(2022/C 244/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Giant Electric Vehicle Kunshan Co. Ltd (Kunshan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: P. De Baere u J. Redelbach, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Luengo u T. Maxian Rusche, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2019, L 16, p. 5), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa annullat sa fejn jikkonċerna lil Giant Electric Vehicle Kunshan Co. Ltd.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn Giant Electric Vehicle Kunshan.

⁽¹⁾ ĠU C 206, 17.6.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – Sieć Badawcza Łukasiewicz – Port Polski Ośrodek Rozwoju Technologii vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-4/20) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta’ arbitraġġ – Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tas-Seba’ Programm Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2007-2013) – Spejjeż eliġibbli – Talba għal rimbors – Awditu finanzjarju – Investigazzjoni tal-OLAF – Kunflitt ta’ interessi minħabba rabtiet familjari jew emozzjonali – Prinċipju ta’ bona fide – Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni minħabba l-istatus matrimonjali – Aspettattivi leġittimi – Rikors għal annullament – Noti ta’ debitu – Atti indissoċjabbli tal-kuntratt – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv – Inammissibbiltà”)

(2022/C 244/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sieć Badawcza Łukasiewicz – Port Polski Ośrodek Rozwoju Technologii (Vratislavie, il-Polonja) (rappreżentant: Ł. Stępkowski, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Araujo Arce u J. Estrada de Solà, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob, prinċipalment, abbażi tal-Artikolu 272 TFUE, il-konstatazzjoni tal-ineżistenza tal-kreditu kuntrattwali tal-Kummissjoni Ewropea inkwistjoni f’sitt noti ta’ debitu maħruġa fit-13 ta’ Novembru 2019 għal ammont totali ta’ EUR 180 893.90, li jinkludu ammont prinċipali ta’ EUR 164 449 u danni ta’ EUR 16 444.90, kif ukoll il-kundanna tal-Kummissjoni għar-rimbors tal-ammonti li jinsabu f’dawn in-noti ta’ debitu, u, sussidjarjament, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Novembru 2019 li hija indirizzata lilha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sieć Badawcza Łukasiewicz – Port Polski Ośrodek Rozwoju Technologii hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 87, 16.3.2020.